MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1565/2002

**Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**
**vs**

**Josephine Portelli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-Korporazzjoni attrici fit-28 ta' Gunju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm138.92), kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma li jammonta ghal hamsa u disghin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm95.62) u erbgha u tletin lira u tmenin centezmu (Lm34.80) ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond 34, Triq il-Wied, Msida ghall-perjodu bejn il-25 t'Awissu, 1995 sal-4 ta' Marzu, 2002 skond il-kont numru 335043180 u d-dokumenti annessi (WSC1 u WSC2);**

**Bl-ispejjez, inkluzi tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50) spejjez ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru, 1999 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attrici li kkonferma li l-ammont imsemmi ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u tmienja u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm138.92) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Novembru, 1999, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru, 1999 kontra l-konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**